MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2008

Avviz Numru. 340/2007

**Dr. Italo Ellul, Dr. Pierre Mifsud, Dr. Jeremy Debono u Dr. Tonio Ellul f'isimhom proprio u bhala ezercitanti l-professjoni legali taht l-isem tad-ditta EMD Advocates**

**vs**

**Heathorns International Limited (C 26134)**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tar-rikorrenti proprio et nomine ghall-kundanna tas-socjeta' intimata ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef tminn mija u hamsa u ghoxrin Lira Maltin (LM3,825.00,0), in kwantu ghal tlett elef seba' mija u tmenin Lira Maltija (LM3,780.00,0) bhala servizzi professjonali u spejjez resi fuq inkarigu ta' l-istess socjeta` intimata lill-istess u in kwantu ghal hamsa u**

**erbghin Lira Maltin (LM45.00,0) imghax fuq l-istess servizzi liema ammont baqa’ ma thallasx lir-rikorrenti;**

**Illi minkejja d-diversi interpellazzjonijiet ghall-hlas, is-socjeta’ intimata, baqghet inadempjenti;**

**Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-mandati ta’ sekwestru bin-numru 2718/07 u l-mandat ta’ Qbid bin-numru 2748/07. Bl-imghax dekorribbli mid-data ta’ l-ewwel fattura kontra s-socjeta` intimata ngunta ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta’ Mistoqsijiet tar-rikorrenti proprio et nomine sabiex is-socjeta’ intimata twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta’ intimata naqset u ma deher l-ebda rapprezentant taghha, la fis-26 ta’ Novembru tas-sena 2008 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tar-rikorrenti proprio et nomine u tikkundanna lis-socjeta’ intimata thallas lir-rikorrenti s-somma ta’ tlett elef tminn mija u hamsa u ghoxrin Lira Maltin (LM3,825.00,0) ekwivalenti ghal tmint elef disa’ mija u disa’ Ewro u hamsa u tmenin centezmu (€8909.85);**

**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kollha indikati fir-rikors promotur kontra s-socjeta’ intimata.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------